**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Matthew Spagnol**

**Vs**

**Mutlak Mohamad**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mutlak Mohamad, iben Ibrahim u Migma, imwieled is-Sirja nhar it-2 ta' Jannar 1988, minghajr residenza fissa, u minghajr dokumenti ufficjali;

Talli nhar is-27 ta' Settembru 2017, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), fi Triq ix-Xatt ta' Spinola, San Giljan,:

1) Ikkommetta serqa ta' handbag ghad-detriment ta' Gessica Tafaruci, liema serqa hija kwalifikata bil-'vjolenza' u bil-'hin';

2) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Gessica Tafaruci.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qieghed fejn ix-xatt ta’ Spinola, San Giljan, fid-data u l-hin indikati, meta ltaqa’ ma’ Gessica Tafaruci, persuna ta’ nazzjonalita’ taljana, li kienet mimduda fuq bank fil-vicinanzi. Hi kienet ma’ habiba ohra taljana, certu Francesca Bergamasco, li f’dak il-hin kienet qed tixtri xi ikel ghalihom it-tnejn. L-imputat mar fuq Tafaruci, u sabha mimduda, u fi ftit hin hi bdiet twerzaq u tghajjat. Wara ftit hin gew fuqha l-habiba taghha u zewg persuni ohra maskili, it-tnejn ta’ nazzjonalita’ barranija, u l-imputat telaq jigri. Fil-pront, peress illi l-lok fejn gara l-incident kien vicin hafna tal-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan, gew il-Pulizija fuq il-post, u telqu jigru warajh flimkien ma’ wiehed mill-barranin. L-imputat gie arrestat ftit tal-hin wara, u wara li ttiehdet stqarrija hu tressaq il-Qorti.

Mill-provi prodotti ma hemmx kontestazzjoni li kien hemm inkontru bejn l-imputat u Gessica Tafaruci. Hemm kontestazzjoni dwar dak li gara waqt dan l-inkontru. Il-Qorti semghet il-provi kollha f’dan il-kaz. Tafaruci xehdet permezz ta’ “video conferencing” u spjegat kif l-imputat aggrediha, ipprova jkollu x’jaqsam maghha intimament, messilha l-parti privata taghha, rassha ma’ hajt, waqt li hi ppruvat tirresistih bis-sahha kollha li kellha. Hi qalet li l-imputat kellu harsa fuq wiccu qisu kien determinat li jaghmel dak li ried biha, u hi bdiet twerzaq u tghajjat. Hin minnhom hadilha l-“handbag”, izda ma telaqx bih. Hekk kif gew dawn iz-zewg guvintur barranin fuqhom, hu harab minn fuq il-post. Tafaruci qalet li kienet imbezza’ hafna bl-aggressjoni tal-imputat, tant li saret isterika.

Ix-xhieda l-ohra tal-Pulizija kkonfermaw il-verzjoni ta’ Tafaruci. Xehed Rami Elfeghi, li kien fuq il-post waqt li l-imputat kien qed jaggredixxi lill-vittma. Hu gharaf lill-imputat bhala l-aggressur, u qallu biex jieqf u jhalli lit-tfajla. Fi ftit mumenti ta’ hin, waslu l-Pulizija fuq il-post, u l-imputat lahaq harab, u hu mar jigri warajh. Hekk kif gew hdejn il-Cavalieri Hotel, il-vettura tal-Pulizija waqqfet lill-imputat, u x-xhud sejjah lill-Pulizija biex jaqbduh u b’hekk arrestawh. Ix-xhud l-iehor, Husamuldin Abraheem Alhadi, ikkonferma li meta waslu fuq il-post wara li kienu semghu twerziq u ghajjat, sabu lill-imputat quddiem it-tfajla, li kienet bil-qieghda mal-art. Hi kienet qed tibki u twerzaq. Xehdet ukoll Francesca Bergamasco, il-habiba tal-vittma, li qalet li dak il-hin kienet qed tixtri xi ikel ghaliha u ghall-habiba taghha, meta semghet l-ghajjat, u telqet tigri fejn kienet halliet lil Tafaruci. Hi waslet flimkien maz-zewg guvintur l-ohra u rat lill-habiba taghha fi stat ta’ isterizmu, tibki u tolfoq, u rat lill-imputat jitlaq jigri minn hdejha. Aktar tard huma marru l-Ghassa tal-Pulizija, u wara marru l-Isptar, fejn wara li stennew diversi sieghat sabiex Tafaruci tigi esaminata minn tabib, huma telqu u marru d-dar.

In difesa, xehed l-imputat u qal li, a kuntrarju ta’ dak kollu prodott quddiem il-qorti, hu mar ikellem lil din it-tfajla, li kienet tidher fis-sakra, u pprova ighinha u mhux jaggrediha. Di fatti hu qal li kien haddiehor li pprova jiehu l-“handbag” taghha, u kien hu stess li waqqfu, izda ghal xi raguni l-Pulizija arrestaw lilu u mhux lil haddiehor. \l-istess verzjoni inghatat fl-istqarrija tieghu rilaxxata minnu u esebita fl-atti.

Minn dawn il-provi prodotti, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghandu jinghata piena fil-massimu taghha possibbli. Il-verzjoni ta' fatti kif spjegati mill-vittma huma kollha kkorroborati mix-xhieda l-ohra u mill-provi l-ohra tal-Prosekuzzjoni, mentri l-imputat jaghti verzjoni ta' fatti xejn kredibbli. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi, u l-Qorti sejra taghti s-sentenza taghha ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 207, 261(a)(f), 262(1)(a)(2), 270, 274(d) u 277(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tlitt snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**